**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mark & Yvette Zarb

vs

Petroni Ltd.

CCT

29 ta' Jannar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti fejn talbu ir-rifuzjoni ta' tlett mitt Euro, prezz ta' washing machine mixtrija f'Marzu 2016 minghand is-socjeta' intimata, liema washing machine gratilha hsara fit-termini tal-garanzija.

Ra r-riposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet l-allegazjonijiet tar-rikorrent u qalet illi l-magna kienet zghira wisq ghall-ammont ta' nies li kienu qeghdin juzawha u b'hekk gratilha il-hsara lamentat mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi f'Marzu 2016 Yvette Zarb xtrat minghand is-socjeta' intimata washer machine Haier 6kg ghall-prezz ta' tlett mitt Euro. Din il-magna kienet koperta b'garanzija ta' sentejn. Gara pero' illi f'eghluq is-sena il-washine machine bdiet taghmel hafna storbju u kellha tittiehed ghat-tiswija fejn irrizulta li kienu marrulha l-bearings u l-cross. Il-washing machine giet konsenjat lura lir-rikorrenti pero' ghal darb'ohra dina bdiet tissparkja u meta giet spezzjonata mis-socjeta' intimata irrizulta li kien hemm bzonn tibdil tal-brushes, sforz l-uzu kontinwu u eccessive ta' din il-magna. Din id-darba is-socjeta' intimata irrifjutat illi taghmel it-tiswija taht garanzija u talbet il-hlas. Ir-rikorrenti ma accettatx ghax ippretendiet illi tiehu kollox b'xejn peress illi kienet ghadha taht garanzija.

Illi r-rikorrenti tghid illi hija taghmel tlett loads kuljum ghal familja ta' hamsa min-nies. Min-naha l-ohra Edwin Petroni jispjega illi washing machine ta' six kilos hija zghira wisq ghal hamsa min-nies u tlett loads kuljum fuq mhedda ta' zmien kienu eccessivi ghal din it-tip ta' magna u bhekk kien hemm il-wear and tear.

Ikkunsidra

Jidher illi meta nxtrat din il-magna is-socjeta' intimata kienet avzat lix-xerrej illi ma kenitx adattata ghal familja kbira izda r-rikorrenti jew min xtraha kien aktar jinterresah il-prezz u injorat il-parir tas-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti tghid illi uzat din il-washing machine ghal sena b'tlett loads kuljum. Dan ifisser li fuq mhedda ta' sena din il-washing machine intuzat xi elf u hamsa u disghin darba. Li kieku intuzat almenu darba kuljum, dan kien ikun ifisser li kienet intuzat tlett mija hamsa u sittin darba, li huwa terza ta' dak illi kienet qed tuzah ir-rikorrenti. Uzu aktar ragonevoli ta' din il-magna, allura, seta' estenda il-hajja taghha almenu b'sentejjn, b'total ta' tlett snin. Ovvjament min ha juza l-magna darbtejn jew tlieta fil-gimgha - kif jaghmlu hafna nies - kien ukoll almenu servizz ta' xi sitt/seba snin li huwa normali ghal washing machine tallum b'dak il-prezz. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-uzu eccessiv ta' din il-magna b'kapacita' aktar milli tiflah kien il-kagun principali tal-falliment tal-bearings, cross u bushes. Dawna huma partijiet illi jmorru biz-zmien peress illi jahdmu hafna u ghalhekk meta tqis l-intensita' ta' l-uzu, it-Tribunal ma jiskantax illi din il-magna gratilha l-hsara kif deskritt. Kien ikun aktar ghaqli ghar-rikorrenti illi mehud in koniserazzjoni d-daqs tal-familja u l-uzu kontinwu, li jixtru washine machine ta' kapacita' ikbar li jkun kapaci jiflah is-servizz illi r-rikorrenti jirrikjjedu minnha.

Pero, barra minn hekk, f'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal xorta mhuwiex konvint mill-provi illi gabet ir-rikorrenti illi l-washing machine kellha xi diffett latenti. Il-magna intuzat ghal sena shiha minghajr problemi b'mod intensiv kif xehdet l-istess rikorrenti. U kieku kellha xi diffett latenti zgur li kien johrog qabel u mhux wara dan l-intensita' ta'uzu.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-versjoni moghtija mis-socjeta' intimata hija iktar verosimili.

Ghal dawn ir-ragunijiet, taqta' u tiddeciedi li tichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**